

## REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 312/2012

tad-9 ta' Jannar 2012

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 973/2010 li temporanjament jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti industrijali fir-reġjuni awtonomi tal-Azores u Madeira

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 973/2010 tal-25 ta' Ottubru 2010 li temporanjament jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti industrijali fir-reġjuni awtonomi tal-Azores u Madeira <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6,

Billi:

- (1) Permezz tar-Regolament (UE) Nru 973/2010 ġew temporanjament sospiżi d-dazji doganali fuq l-importazzjoni ta' ċerti prodotti industrijali fl-Azores u Madeira. L-oġġetti għall-użu agrikolu, kummerċjali jew industrijali li għalihom tapplika s-sospensjoni huma stabbiliti fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 973/2010. Il-materja prima, il-partijiet u l-komponenti użati għal finijiet agrikoli, it-trasformazzjoni industrijali jew il-manteniment li għalihom tapplika s-sospensjoni huma stipulati fi Anness II ta' dak ir-Regolament. Dawk l-oġġetti huma elenkati fl-Annessi bl-użu tal-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħqda applikabbli għall-2009 kif stipulat fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1031/2008 <sup>(2)</sup>.
- (2) In-Nomenklatura Magħqda ġiet sostitwita mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 861/2010 tal-5 tal-Ottubru 2010 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni tad-Dwana <sup>(3)</sup> u mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1006/2011 tas-27 ta' Settembru 2011 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni <sup>(4)</sup>. Bħala konsegwenza ta' dawn l-emendi, għandhom isiru ċerti adattamenti tekniċi għall-kodiċijiet tan-NM elenkati fl-Annessi I u II tar-Regolament (UE) Nru 973/2010.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 973/2010 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (4) Peress li ċerti amendments mal-kodiċijiet NM japplikaw mill-1 ta' Jannar 2011, l-emendi korrespondenti għar-Regolament (UE) Nru 973/2010 għandhom japplikaw minn dik id-data,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 973/2010 għandu jiġi emendat kif ġej:

- <sup>(1)</sup> ĠU L 285, 30.10.2010, p. 4.
- <sup>(2)</sup> ĠU L 291, 31.10.2008, p. 1.
- <sup>(3)</sup> ĠU L 284, 29.10.2010, p. 1.
- <sup>(4)</sup> ĠU L 282, 28.10.2011, p. 1.

(1) L-Anness I jiġi emendat kif ġej:

- (a) Il-kodiċijiet NM elenkati fil-kolonna 1 huma sostitwiti bil-kodiċijiet NM elenkati fil-kolonna 2.

1	2
Kodiċi NM	Kodiċi NM
7612 90 98	7612 90 90
8442 50 23	8442 50 20
8442 50 29	8442 50 20
8451 21 90	8451 21 00
8465 99 90	8465 99 00
8504 32 80	8504 32 00
8515 80 91	8515 80 90
9017 30 10	9017 30 00

- (b) Il-kodiċijiet NM elenkati fil-kolonna 1 huma sostitwiti bil-kodiċijiet NM elenkati fil-kolonna 2.

1	2
Kodiċi NM	Kodiċi NM
7321 81 90	7321 81 00
7323 93 90	7323 93 00
7326 20 80	7326 20 00
9008 10 00	9008 50 00

- (2) Fl-Anness II l-kodiċi tan-NM 7323 99 99 jiġi sostitwit bil-kodiċi NM 7323 99 00.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2012.

Madankollu, l-Artikolu 1(1)(a) għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Jannar 2012.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
José Manuel BARROSO

---